32002D0968

L 335/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 12.12.2002

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL ta' l-10 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/10/CFSP dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea

(2002/968/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/10/CFSP tal-11 ta' Marzu 2002 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(b), l-aħħar subparagrafu tiegħu, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi l-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-baġit finali għas-sena 2003,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-baġit tal-EUPM għas-sena 2003 għandu jkun ta' EUR 38 miljun, li minnu ammont ta' referenza ta' EUR 20 miljun għandu jiġi finanzjat b'mod komuni mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. L-amministrazzjoni ta' l-ispejjeż iffinanzjati mill-baġit tal-Komunità kif indikat fil-paragrafu 1 għandha tkun suġġetta għall-proċeduri u r-regoli tal-Komunità dwar kwistjonijiet tal-baġit bl-eċċezzjoni li kull finanzjament li jkun sar qabel m'għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. S. MØLLER

---

(1) ĠU L 70, tat-13.3.2002, p. 1.